Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B**

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-1 ta' Awwissu 1997

li tikkonċerna ċerti miżuri ta' protezzjoni fir-rigward ta' ċerti prodotti li joriġinaw mill-annimali, bl-esklużjoni tal-prodotti tas-sajd, li joriġinaw fil-Madagaskar

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(97/517/KE)

(ĠU L 214 , 6.8.1997, p. 54)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Awissu 1997	L 228	31	19.8.1997

▼B

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-1 ta' Awwissu 1997

li tikkonċerna ċerti miżuri ta' protezzjoni fir-rigward ta' ċerti prodotti li joriġinaw mill-annimali, bl-esklużjoni tal-prodotti tas-sajd, li joriġinaw fil-Madagaskar

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(97/517/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/675/KEE tal-10 ta' Diċembru 1990 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazjoni tal-kontrolli veterinarji fuq il-prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi ([1]), kif l-aħħar emendata permezz tad-Direttiva 96/43/KE ([2]), u b'mod partikulari l-Artikolu 19 tagħha,

Billi l-ispezzjonijiet tal-Komunità fil-Madagaskar urew li hemm nuqqasijiet serji fl-infrastruttura u l-iġjene fl-istabbilimenti tal-laħam u m'hemmx biżżejjed garanziji tal-effiċjenza tal-kontrolli mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti; billi l-amministrazzjoni tas-saħħa tal-annimali fil-Madakaskar turi nuqqasijiet serji u n-nuqqas ta' applikazzjoni tar-regoli Komunitarji; billi hemm riskju potenzjali għas-saħħa pubblika fir-rigward tal-produzzjoni u l-ipproċesar tal-prodotti tal-annimali, bl-eċċezzjoni tal-prodotti tas-sajd, f'dan il-pajjiż;

Billi l-importazzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali, bl-eċċezzjoni tal-prodotti tas-sajd, mill-Madagaskar m'għandiex titħalla sakemm ikun jista' jiġi garantit li ma' jeżisti ebda riskju;

Billi din id-Deċiżjoni sa tiġi riveduta qabel it-30 ta' Novmbru 1997;

Billi l-miżuri provduti f'din id-Deċiżjoni huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika għall-prodotti li ġejjin mill-annimali, bl-eċċezzjoni tal-prodotti tas-sajd, li joriġinaw fil-Madagaskar.

Artikolu 2

Mingħajr preġudizzju għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/516/KE ([3]), l-Isati Membri għandhom jipprojbixxu l-importazzjoni tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali.

Iżda, l-kunsinni li jkunu telqu mill-Madagaskar qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, u li jkunu presentati fil-post ta' l-ispezzjoni tal-Komunità għall-importazzjoni ►**M1** qabel il-15 ta' Settembru 1997 ◄, għandhom jiġu sottomessi għall-eżami fiżiku iktar bir-reqqa u jekk ikun hemm bżonn, eżami mikrobioloġiku sabiex jiġu ndividwati, b'mod partikulari, il-*Bacillus anthracis* u l-*Clostridium chauvoei*.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni se tiġi riveduta qabel it-30 ta' November 1997.

([1]) ĠU Nru L 373, tal-31.12.1990, p. 1.
([2]) ĠU Nru L 162, ta' l-1.7.1996, p. 1.
([3]) Ara paġna 53 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

▼B

Artikolu 4

L-Istati Membri għandhom jimmodifikaw il-miżuri li japplikaw fil-kummerċ sabiex iġibuhom konformi ma' din id-Deċiżjoni. Huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan minnufih.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.